**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' April, 2017**

Kawza Numru: 532/2016JB

Numru: 62

**Go p.l.c. (C22334)**

***vs***

**Calogero Carduccio (K.I.: 47767A)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-17 ta' Novembru 2016 fejn is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' hames mija u tlieta u erbghin euro u seba' hames centezmi (€543.07) rapprezentanti provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imghax;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-23 ta' Jannar 2017 (a fol 10);

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti (a fol 16 *et seq*), il-Konvenut naqas milli jipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment u lanqas ma deher ghas-smigh;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta*

*waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi hu car li fil-kawza odjerna, is-Socjeta Attrici irnexxielha tipprova t-talba fil-waqt li l-Konvenut ma ressaq ebda kontestazzjoni u ghalhekk jixraq li t-talba tintlaqa';

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas is-somma ta' €543.07 lis-Socjeta Attrici bl-imghax mid-data tan-notifika tal-kawza. Spejjez kif mitluba fl-Avviz a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*